MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-12 ta' Frar, 2010

Appell Civili Numru. 571/2008/1

**vs**

**Jonathan Satariano**

**Il-Qorti,**

Fit-28 ta' Settembru, 2009, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal,

Ra l-Avviz tal-attrici li bih ppremettiet illi l-partijiet huma l-genituri tal-minuri Benjamin u Christine Satariano.

Illi l-istess partijiet m'humiex mizzewwgin.

Illi permezz ta' digriet datat l-20 ta' Novembru, 2007, l-Onorabbli Qorti tal-Familja ordnat lill-konvenut ihallas is-somma ta' mija u tmenin lira Maltin (Lm180) fix-xahar,

illum ekwivalenti ghal erba’ mija u dsatax-il Euro u disgha u ghoxrin centezmu (€419.29), pagabbli lir-rikorrenti (l-attrici) bhala manteniment mensili ghaz-zewg (2)minuri.

Illi, l-istess konvenut, minkejja tali digriet, ghadu sal-gurnata odjerna jhallas biss is-somma ta’ tlett mija u sitta u ghoxrin Euro u ghoxrin centezmu (€326.20), ekwivalenti ghal mija u erbghin lira Maltin (Lm140) fix-xahar.

Illi l-konvenut ghalkemm debitament interpellat sabiex ihallas is-somma rimanenti dovuta f’arretrati mix-xahar ta’ Novembru tas-sena 2007 ‘l quddiem, baqa’ inadempjenti.

Illi l-konvenut ukoll, ghalkemm debitament interpellat, naqas milli jhallas nofs l-ispejjes ta’ sahha tal-minuri ai termini tal-istess digriet.

Ghaldaqstant, l-attrici talbet lil dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut ihallas dik is-somma ta’ manteniment li tirrizulta mhix mhallsa sad-data tal-prezentata ta’ dan l-Avviz, flimkien ma’ nofs l-ispejjes tas-sahha tal-minuri li wkoll ma gewx imhallsa sad-data tal-prezentata ta’ dan l-avviz, bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv.

Ghal fini ta’ kompetenza gie dikjarat illi s-somma hekk mitluba ma teccedix dik ta’ elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500), ekwivalenti ghal tlett elef, erba’ mija u erba’ u disghin Euro u sitt centezmi (€3,494.06).

Ra r-risposta tal-konvenut illi eccepixxa illi preliminarjament, id-digriet imsemmi fit-Talba huwa null u bla effett stante li ma gietx segwita l-procedura kontemplata bil-ligi senjatament ir-regolament numru 5(a) tal-Avviz Legali 397 tas-sena 2003, kif emendat.

Preliminarjament, ukoll, id-digriet premess m’ghandu jinghata ebda effett stante illi l-attrici ma segwietx il-proceduri skont il-ligi fiz-zmien stipulat ta’ xahrejn (2) mid-data tad-digriet.

Li f’kull kaz, il-konvenut m’ghandux ikun tenut ihallas l-ammont pretiz, stante illi ma ffirma ebda ftehim.

Illi sussidjarjament, il-pretensjonijiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri u bl-ispejjes kontra l-attrici.

Ra x-xhieda ta’ Salome Chetcuti, li tghid li kellha relazzjoni qasira mal-intimat u minn dina r-relazzjoni twieldu tewmin Benjamin u Christine fid-19 ta’ Ottubru, 2002 u l-intimat kien irrikonoxxihom permezz ta’ att ta’ rikonoxximent fl-atti tan-Nutar Dr. Rachel Busuttil.

Kellha tiftah proceduri sabiex il-konvenut ihallas manteniment ghall-uliedu, u kien inghata digriet mill-Qorti tal-Familja, fejn fid-9 ta’ Dicembru, 2003 il-konvenut gie ordnat ihallas is-somma ta’ mija u erghin lira Maltin (Lm140), u cioe’ ekwivalenti ghal tlett mija u sitta u ghoxrin Euro u ghoxrin centezmu (€326.20), fix-xahar bhala manteniment u ghal certu zmien kien ihallas dan l-ammont regolarment.

Tghid li maz-zmien kien intlahaq ftehim bejnietom u l-Avukati rispettivi taghhom, sabiex il-manteniment jizdied ghal erba’ mija u dsatax-il Euro u disgha u ghoxrin centezmu (€419.29), u cioe’ ekwivalenti ghal mija u tmenin lira Maltin (Lm180). Dan il-ftehim, u ghalhekk l-ammont, gie kkonfermat b’digriet tal-Qorti tal-Familja tal-20 ta’ Novembru, 2007.

L-attrici tikkonferma li minn Novembru, 2007 sa’ llum, il-konvenut baqa’ ihallas biss is-somma ta’ mija u erghin lira Maltin (Lm140), u cioe’ ekwivalenti ghal tlett mija u sitta u ghoxrin Euro u ghoxrin centezmu (€326.20), u mhux l-awment ta’ erbghin lira Maltin (Lm40) u cioe’ ekwivalenti ghal tlieta u disghin Euro u sbatax-il centezmu (€93.17).

Izzid tghid ukoll, li l-konvenut kien obbligat ihallas nofs l-ispejjes tas-sahha tal-minuri, izda lanqas dawn ma kien hallas.

Ra x-xhieda tal-konvenut Jonathan Satariano li kkonferma li kien hemm digriet, li jgib in-numru 1937/2003, fejn kien

gie ordnat mis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili jikkontribwixxi manteniment ghall-minuri fis-somma ta' mija u erbghin lira Maltin (Lm140) fix-xahar, u cioe' ekwivalenti ghal tlett mija u sitta u ghoxrin Euro u ghoxrin centezmu (€326.20)

Jispjega li dejjem hallas dan l-ammont regolarment, izda wara xi sitt (6) xhur li kien hareg id-digriet ma baqax jara t-tfal. Kien ghalhekk li saret medjazzjoni fejn jikkonferma li kien hemm qbil li l-ammont ta' manteniment jizdied minn mija u erbghin lira Maltin (Lm140), u cioe' ekwivalenti ghal ghal tlett mija u sitta u ghoxrin Euro u ghoxrin centezmu (€326.20), ghal mija u tmenin lira Maltin (Lm180), u cioe' ekwivalenti ghal erba' mija u dsatax-il Euro u disgha u ghoxrin centezmi (€419.29), pero' bil-kundizzjoni li dan l-ammont ma jizdied qatt. Hu jispjega li kien jaqbel li kellu jhallas mija u tmenin lira Maltin (Lm180), u cioe' ekwivalenti ghal erba' mija u dsatax-il Euro u disgha u ghoxrin centezmi (€419.29), bhala manteniment, pero' llum ma ghadux jaqbel ma dan ghaliex ma ghandux mezzi bizzejjed biex ihallas dan l-ammont u kien ghalhekk li kien fetah medjazzjoni ohra sabiex jigi varjat dak id-digriet u li wara li nghalqet din il-medjazzjoni ma kienx fetah kawzi.

Jikkonferma wkoll li kien hemm digriet ta' l-Imhallef Joseph Azzopardi, u dan fejn gie ordnat li l-ammont ta' mija u tmenin lira Maltin (Lm180), u cioe' ekwivalenti ghal erba' mija u dsatax-il Euro u disgha u ghoxrin centezmi (€419.29), li kellhom jinqatghu direttament mill-paga tieghu u sallum dan kien ghadu ma sarx.

Jametti li kienet saret nota konguntiva bejn il-partijiet u bejn l-Avukati, pero' f'din l-istess ma kienx gie stipulat li dan l-ammont ma kellux jizdied aktar.

Il-konvenut ighid ukoll li ma kienx iffirma ebda nota ghand il-Medjatur u jghid ukoll li kien biss ra n-nota l-ewwel darba l-Qorti.

<u>Ikkunsidra</u>

Ra l-atti u d-dokumenti esebiti.

It-Tribunal, ghandu jiddeciedi fuq zewg (2) eccezzjonijiet:-

a) fl-ewwel kaz, l-eccezzjoni hija li meta jintlahaq ftehim, waqt il-medjazzjoni, dak l-istess ftehim ghandu jigi ffirmat mill-partijiet, sabiex imbaghad jigi awtorizzat mill-Imhallef;
b) it-tieni eccezzjoni tirrigwarda l-procedura li tirrikjedi li fi zmien xahrejn mid-data tad-digriet ghandha tinfetah kawza u li f'dan il-kaz il-konvenut, allegatament, dan m'ghamlux.

L-attrici pprezentat din il-kawza ghal hlas ta' arretrati ta' manteniment, kif ukoll, hlasijiet ta' sahha.

Huwa minnu li dan it-Tribunal twaqqaf biex jisma' u jaqta' t-talbiet kollha ta' flus ta' ammont ta' mhux izjed min elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500). Din hija l-gurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal.

Il-partijiet kellhom relazzjoni bejniethom, izda qatt ma wasslu biex jizzewwgu, pero' minn din ir-relazzjoni twieldu t-tewmin imsemmija. L-obbligazzjonijiet u ftehim rigward l-istess trobbija tal-minuri jaqghu fil-kamp tal-ligi tal-familja u ghalhekk kwistjonijiet li jidhlu fil-kompetenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja), Qorti specjalizzata f'dan il-qasam.

Per se, il-fattispeci tal-kaz, jinkwadraw ruhhom f'pretensjoni ta' kreditu ta' hlas ta' manteniment u, s'hawnhekk, it-Tribunal ihoss li ghandu kompetenza.

Il-konvenut pero' qed joggezzjona ghal tali debitu, stante illi l-procedura li kellha tigi segwita ghal validita' o meno tad-digriet moghti mis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili, (illum maghrufa ahjar bhala l-Qorti Civili, (Sezzjoni tal-Familja), li tibda bil-proceduri ta' medjazzjoni, sakemm tispicca f'kawza quddiem dan l-istess Qorti), ma gietx segwita.

Fil-hsieb ta' dan it-Tribunal, gustament, ma jidhirlux li ezami ta' dan ghandu jsir minn dan it-Tribunal. Dawn l-eccezzjonijiet ghandhom rabta intrinsika ma' kwsitjonijiet ta' natura familjari li jirrikjedu, minhabba d-delikatezza u s-sensitivita' taghhom, aktar attenzjoni minn Tribunal

specjalizzat. It-Tribunal ghal Talbiet Zghar, huwa aktar immirat sabiex krediti ta' flus, jigu decizi, bl-aktar mod sommarju. Minn naha l-ohra, l-ligi tal-familja jehtiegilha dak il-hin, attenzjoni u ezami dettaljat u xieraq tal-fattispeci tal-kaz, li dan it-Tribunal ma jistax joffri lill-partijiet.

It-Tribunal mhux f'posizzjoni jiddeciedi jekk hemmx dritt ta' manteniment dovut lill-attrici, oltre spejjes tas-sahha tal-minuri, a bazi ta' jekk gietx segwita procedura *ad hoc* jew le.

***"Din il-Qorti ma tarax ukoll li hu sewwa li l-parti intitolata ghall-alimenti titqieghed fi stat ta' pregudizzjalita' ghax il-konjugi l-iehor ifettilu li jizvixxera l-kwistjoni mis-sede proprja tas-separazzjoni, iressaqha quddiem Tribunal iehor jew Qorti ohra, aktar u aktar meta dik il-parti ma tkunx gja, b'xi digriet tal-Qorti, anqas wiehed temporanju, ordnata taghmel dik il-kontribuzzjoni. Kif taraha din il-Qorti l-materja mhux biss hi attratta mill-procediment tas-separazzjoni, izda lanqas ghandha tkun sottratta mill-gurisdizzjoni tal-Qorti Civili, Prim'Awla, li tkun qed tiddelibera l-firda u l-incidenti kollha sorti f'dak l-istess gudizzju istitwit."***[1]

It-Tribunal, ukoll ra s-sottomissjonijiet tal-konvenut fejn gie irrilevat li dan it-Tribunal jista' ukoll iqajjem *ex officcio* l-inkompetenza *rationae materiae* tieghu u dan anke meta dan isehh mill-perspettiva tal-eccezzjonijiet mqajjma u dan peress illi il-kwistjoni ta' kompetenza o meno hija ta' ordni pubbliku.

***"Jista' jkun ghalhekk illi l-azzjoni ghalkemm inizzjalment tkun ta' kompetenza tat-Tribunal, din ma tibqax hekk vizwalizzata mill-perspettiva tal-eccezzjoni."***[2]

---

[1] Agostino sive Austin Farrugia vs Salvina sive Sally Farrugia (App. 627/2003)

[2] Caruana vs Direttur Generali tal-Qrati

Ghalhekk, dan it-Tribunal jirritjeni li z-zewg eccezzjonijeit tal-konvenut jisollevaw il-kwistjoni ta' jekk hemmx ftehim jew decizjoni vinkolanti dwar l-ammont tal-manteniment dovut ghaz-zewg minuri u dwar spejjes ta' sahha. Dawn il-konsiderazzjonijiet, ukoll intrinsikament marbutin mal-proceduri li huma ta' importanza ghal validita' o meno tad-digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili, gia' Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) u ghalhekk l-istess talba ghandha tigi ddeterminata mill-Qorti specjalizzata li tista' tiddeciedi fuq l-aspett proceduralі ukoll.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal qieghed *ex officio* jissolleva l-inkompetenza *rationae materiae* u jastjeni milli jiehu aktar konjizzjoni ta' din il-kawza.

Minhabba n-natura tal-kaz u d-decizjoni li qed tinghata l-ispejjes ghandom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet."

Bl-appell taghha minn din is-sentenza l-attrici tikkontesta lit-Tribunal ir-*ratio decidendi* tieghu bl-aggravji illi kien legalment skorrett meta ddetermina *ex officio* l-inkompetenza tieghu ghab-bazi ta' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u ddecieda li jkun ahjar jekk it-talba attrici flimkien ma' l-eccezzjonijiet jinstemghu u jigu deliberati mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja);

Ghall-kronaka huwa utili jekk qabel xejn jigu hawn ri-epilogati certi fatti kif jinzlu minn xhieda u minn atti dokumentali:-

1. Mir-relazzjoni intima bejn il-kontendenti twieldu zewgt itfal tewmin fid-19 ta' Ottubru 2002, rikonoxxuti mill-konvenut bl-appozitu att bhala l-wild naturali tieghu;

2. Fit-13 ta' Novembru, 2003 il-konvenut intavola rikors bl-urgenza fis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili (fol. 22) biex hu jinghata d-dritt ta' l-access ghall-istess uliedu fil-granet u l-hinijiet minnu proposti. Dik il-Qorti b'digriet tad-9 ta' Dicembru 2003 (fol. 23) laqghet it-talba b'dan li

ordnat ukoll illi l-konvenut ihallas lill-attrici r-rata mensili ta' Lm140 bhala manteniment ghall-istess ulied minuri;

3. Fit-2 ta' Novembru, 2007 giet mill-partijiet konguntement u taht il-firma tal-konsulenti legali rispettivi taghhom ipprezentata Nota (fol. 2) fil-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) manifestanti il-qbil raggunt sija dwar il-kura u l-kustodja ta' l-ulied kif ukoll dwar ir-rata ta' manteniment ghalihom fl-ammont ta' Lm180 fix-xahar. Addizzjonalment, li l-konvenut jintrabat ukoll li jaghmel tajjeb ghal nofs l-ispiza straordinarja koncernanti s-sahha tal-minuri  Bid-digriet taghha tal-20 ta' Novembru 2007 (fol. 3) dik il-Qorti approvat il-ftehim kif redatt u ddikjarat maghluqa l-procedura tal-medjazzjoni;

4. Fis-6 ta' Awissu 2008 l-attrici ressqet rikors lil dik l-istess Qorti (fol. 17) biex din tordna li l-manteniment hekk maqbul jibda jinqata' direttament mis-salarju tal-konvenut.  It-talba relattiva ntlaqghet mill-Qorti b'digriet tal-5 ta' Settembru, 2008 (fol. 19);

5. Hu dikjarat mill-attrici fl-Affidavit taghha (fol. 10) illi sa mid-data tal-precitat digriet tal-20 ta' Novembru, 2007 il-konvenut hallas biss ir-rata ta' Lm140 f'manteniment u mhux dik ukoll maqbula ta' Lm180;

6. Da parti tieghu l-konvenut xehed (fol. 13) illi kien gie propost illi l-manteniment jizdied u li saret nota konguntiva bejn l-avukati rispettivi.  Huwa jzid jghid in kontro-ezami illi jaqbel li hu ghandu jaghti l-ammont ta' Lm180 fix-xahar izda ppretenda li kellu jkun inkluz illi dak l-ammont m'ghandux jizdied aktar ghaliex hekk, skond hu, gie miftiehem.  Iddikjara wkoll li kien ressaq medjazzjoni ohra sabiex jigi varjat id-digriet tal-20 ta' Novembru, 2007 u li ma kienx ghadu fetah kawza.  Incidentalment, dik it-talba tieghu ghal varjazzjoni giet michuda b'digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) moghti fil-25 ta' Marzu, 2008 (fol. 43);

Kontra t-talba ta' l-attrici ghall-hlas ta' l-arretrati tal-bilanc fil-manteniment u ghall-hlas ta' nofs l-ispiza ghas-sahha

tal-minuri, il-konvenut iddefenda ruhu billi kkwerela l-validita u l-effikacja tad-digriet tal-20 ta' Novembru, 2007. Dan bl-assunt illi ma gietx segwita l-procedura kontemplata fir-Regolament 5 (a) ta' l-Avviz Legali 397 tas-sena 2003 u ma gietx konsegwita wkoll il-procedura fiz-zmien utli ta' xahrejn mid-data tad-digriet skond kif prefiss fir-Regolament 10 (1) ta' l-istess Avviz Legali;

Dan premess, minn ezami tas-sentenza appellata jidher li l-perkors tal-hsieb tat-Tribunal tqiegħed minnu fuq dan il-binarju:-

i. Izolata minn konsiderazzjonijiet ohra t-talba attrici konsistenti fi pretiza ta' kreditu taqa' fil-kompetenza tieghu;

ii. In bazi ghall-eccezzjonijiet dwar il-validita o meno tad-digriet, incidenti allura fuq it-talba dedotta, huwa ma kienx kompetenti *rationae materiae* li jindaga dwar dik l-oggezzjoni u jkun ahjar jekk il-kwestjoni tkun determinata mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja). Biex isostni dan ir-ragonament tieghu t-Tribunal irrikorra ghad-decizjoni ta' din il-Qorti kif presjeduta tad-9 ta' Frar, 2005 fl-ismijiet "**Agostino Farrugia -vs- Salvina Farrugia**";

Il-Qorti jidhrilha opportun li ghandha tibda biex taghmel dawn ir-riflessjonijiet preliminari:-

1. Ghal fini tad-determinazzjoni tal-kompetenza *ratione materiae* hu principju illi ghandu jittiehed rigward ghall-oggett tat-talba introduttiva u ghall-fatti u cirkostanzi premessi ghas-sostenn ta' dik it-talba. Ara "**Frankie Refalo *nomine* -vs- Jason Azzopardi *et***", Appell, 7 ta' Ottubru, 1997;

2. Dan il-principju jsofri limitazzjoni f'certi kazijiet dipendenti mix-xorta ta' eccezzjonijiet u tad-deduzzjonijiet proposti mill-kontroparti, ghax anke in bazi ghal din il-prospettazzjoni tal-konvenut hu mistenni li t-Tribunal jivverifika jekk *prima facie* ghandux kompetenza jistharreg

il-materja li l-attrici tkun iddevolviet ghad-decizjoni tieghu. Hu biss fejn isib li d-difizi jistghu jinfluwixxu fuq id-domanda illi t-Tribunal ghandu jarresta l-pass u jiddikjara l-inkompetenza tieghu. Ara “**Marika Caruana -vs- Direttur Generali tal-Qrati**”, Appell mit-Tribunal, 23 ta’ Jannar, 2004;

3. Mhux kull eccezzjoni ghandha tikkomporta ta’ bilfors l-eskluzjoni tal-kompetenza minhabba l-materja fit-tribunal adit jew ghall-individwazzjoni ta’ forum kompetenti divers. Biex ikun hekk il-kaz u dik l-eccezzjoni tkun tikkostitwixxi fonti residwali ta’ stharrig ghal skop ta’ kompetenza jrid jirrizulta li din tkun hekk tirpoza fuq il-bazi ta’ kriterji sodi u serji f’kuntrast mat-talba devoluta. Hu dejjem tajjeb li jigi mfakkar dak drabi ohra mtenni b’kawtela minn din il-Qorti, kif presjeduta, u, cjoe, li kull kwestjoni ghandha tinzamm fil-parametri tal-bon sens u ta’ l-interpretazzjoni ragonevoli tal-ligi biex il-kawzi quddiem it-Tribunal specjali ma jispiccawx arenati b’mod li l-iskop tal-ligi li kkrejatu jigi newtralizzat b’kull skuza ezagerata tan-nuqqas tal-kompetenza tieghu. Ara “**Paul Zarb *et* -vs- Emanuel Ellul *et***”, 1 ta’ Novembru 2006. Fi kliem iehor, il-limitazzjoni ghall-principju m’ghandux jiggebbed sal-punt illi, moghtija l-eccezzjoni, ghandha tiskatta awtomatikament l-inkompetenza *ratione materiae* tat-Tribunal izda dan ghandu b’dover jezamina, anke *prima facie*, jekk tezistix bazi serja f’dik l-eccezzjoni qabel ma jippronunzja ruhu, anke *marte proprio* fuq l-inkompetenza tieghu;

Affermati s-suesposti riflessjonijiet, qajla hemm bzonn jinghad b’ripetizzjoni illi t-tribunali, huma ta’ liema xorta huma, ghandhom dejjem itendu biex mhux biss jassiguraw l-osservanza u r-rispett tad-digrieti taghhom stess (ara “**Direttur tas-Sigurta` Socjali -vs- Joseph Bezzina**”, Appell, 6 ta’ Ottubru, 2000) izda wkoll dawk emanati minn qorti ohra kompetenti, ghax dawn, sakemm ma jkunux impunjati jew xort’ohra varjati, jibqghu vinkolanti ghall-osservanza taghhom fuq il-partijiet, ukoll ghal raguni illi l-ligi fil-kaz ta’ digriet mill-Qorti tal-Familja takkordalhom qawwa u valur specjali. Ara “**Sandra**

**Calleja -vs- Mark Calleja**", 11 ta' Dicembru, 2002, citata wkoll mill-appellanti;

Issa fil-kaz prospettat b'dan l-appell kellu jkun kjarament ovvju ghat-Tribunal adit illi l-kontestazzjonijiet tal-konvenut appellat b'dawk l-eccezzjonijiet tieghu ma kienu ta' ebda rilevanza u ma kellhomx iwasslu biex jissotraji l-kontroversja mill-isfera tal-kompetenza tieghu prekostitwita mil-ligi fl-ambitu ta' l-artikolu 3 (2) tal-Kapitolu 380. Hemm ragunijiet validi ghal din l-affermazzjoni tal-Qorti:-

(1) Primarjament, il-materja kienet tesigi illi d-decizjoni dwarha tkun estratta fuq l-istat ta' l-atti li t-Tribunal kellu quddiemu. Senjatament, fil-kaz partikolari d-digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) tal-20 ta' Novembru 2007 konfermanti l-akkordju raggunt mill-partijiet tramite l-Avukati taghhom. Huwa veru illi fit-tentattiv li jiffrustra t-talba attrici l-konvenut allega l-invalidita u l-irregolarita tieghu, izda hu daqstant iehor veru illi kontra dawk l-allegazzjonijiet kienu jiddixxendu mill-atti l-prova, jew in-nuqqas ta' prova, ta' l-impunjattiva tieghu mill-istess konvenut. Mhux dan biss, ghax ukoll fejn hu ttanta bl-appozitu rikors (fol. 42) jottjeni l-varjazzjoni ta' dak l-istess digriet fit-termini tar-Regolament 9 (1) (d) ta' l-Avviz Legali 397/2003, il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) kienet b'digriet separat (25 ta' Marzu 2008, fol. 43) irrespingiet dik it-talba tieghu ghal motivi li dak miftiehem kien *pacta sunt servanda*, anke tenut kont tal-fatt illi l-manteniment tal-minuri jista' jigi dejjem varjat mill-Qorti jekk l-interessi taghhom ikunu hekk jirrikjedu, ukoll sahansitra wara l-ghoti ta' sentenza u dan fit-termini ta' l-Artikolu 149 tal-Kapitolu 16. F'dan l-istat ta' l-affarijiet it-talba attrici ma kienet xejn skonnessa mill-parametri ta' dawk id-digrieti li, dment li ma gewx mill-konvenut debitament oppunjati b'success, kienu ghaldaqstant u ghal kollox guridikament vinkolanti fuqu;

(2) Biex jinghad kollox imbaghad lanqas ma kienet ta' xi rilevanza s-sottomissjoni dikjarata tal-konvenut illi ghaliex in-Nota konguntiva li tat lok ghad-

digriet tal-20 ta' Novembru 2007 giet iffirmata mill-Avukat tieghu l-istess digriet kien invalidu u irregolari. Apparti li din il-Qorti ma taccettax il-proposizzjoni illi dak li ghamlet f'dik in-Nota l-Avukat ta' l-appellat ghamlitu "bi svista", hu wisq pacifiku illi l-Avukat ghandu jitqies li hu l-mandatarju tal-klijent tieghu ghall-attijiet tal-proceduri u fejn ikollu mandat espress u specjali, kif il-Qorti tqis wisq probabbli li hu l-kaz anke hawnhekk, jista' anke jiftiehem u jintrabat ghall-patrocinat tieghu. F'dan il-kaz partikolari imbaghad hemm fuq kollox l-ammissjoni guramentata ta' l-appellat illi hu kien accetta illi l-manteniment ghal uliedu minuri jizdied ghal Lm180 u li sahansitra dan hu proprju l-ammont li hu ghandu jaghti. Ara xhieda tieghu a fol. 13 u 14;

(3) Ukoll ma kellha l-ebda sinjifikat fuq il-kompetenza tat-Tribunal l-oggezzjoni ta' l-appellat illi d-digriet ottenut hu difettuz ghal raguni li ma saretx il-procedura ulterjuri fi zmien xahrejn, ghax kif sewwa osservat mill-appellanti, il-provvediment tal-ligi [Regolament 10 (1) tal-precitat Avviz Legali] jallacja dik il-procedura fejn il-partijiet ma jkunux waslu ghall-ftehim wara process ta' medjazzjoni, u mhux ukoll fejn ikunu lahqu qbil, kif hekk inhu l-kaz hawnhekk;

(4) Anke minn dan s'issa ikkonsidrat, bhala proposizzjoni ta' ligi, it-Tribunal kellu, fl-assenza ta' difizi serji, ukoll ezaminati *prima facie*, jafferma l-kompetenza tieghu, u mhux bil-kontra. Id-decizjoni minnu referenzjata fl-ismijiet "**Farrugia *utrinque***" (Appell mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar, 9 ta' Frar, 2005) ma setghet qatt tkun influwenti fuq il-formazzjoni tar-ragonament tieghu in kwantu l-ebda suffragju ma seta' jingibed minnha ghall-fattispeci tal-kaz prezenti, trattasi li f'dak il-kaz specjali l-materja kienet taggira dwar alimenti provvizorji f'kawza ta' separazzjoni li kienet ghadha pendenti u fejn allura l-Qorti hasset li jkun xieraq, f'dawk il-kontingenzi, illi l-aspett singolari ta' dak il-kaz jigi approfondit mill-Qorti adita f'dik il-kawza ta' separazzjoni. Huwa f'dan il-kuntest li ghandu jinftiehem il-bran estrapolat mit-Tribunal riprodott fis-sentenza appellata. Kull kaz ghandu l-fattezzi pekuljari tieghu u d-decizjoni ghandha tkun sottratta fuq il-bazi ta'

dawk l-istess fattezzi u mhux ta' fatti u cirkostanzi ohrajn li ma' dak ezaminat ma jkollhom ebda xebh;

Huwa l-kaz, in raguni ghall-konsiderazzjonijiet kollha suesposti, illi din il-Qorti twarrab il-konkluzjoni tat-Tribunal li ddikjara l-inkompetenza *ratione materiae* tieghu. Naturalment, kif jinghad fl-Artikolu 8 (4) tal-Kapitolu 380 l-appell ser ikollu jigi ddifferit biex il-Qorti tisma' x'ghandhom xi jghidu l-partijiet dwar il-mertu tat-talba.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tilqa' l-appell u in bazi ghall-konsiderazzjonijiet predetti thassar is-sentenza tat-Tribunal li ddikjarat l-inkompetenza *ratione materiae* tieghu. L-appell qed jigi differit ghall-udjenza tas-26 ta' Frar, 2010 ghat-trattazzjoni tal-mertu tat-talba.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------